# Il-Ħadd 06.12.2020

1. Illum 6/12, **it-Tieni Ħadd tal-Avvent**:
   - Infakkar li fejn il-bieb tal-knisja, għandna għall-bejgħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija. Dan b'risq il-manutensjoni u l-proġetti prinċipali tal-knisja.

2. It-Tlieta 8/12, **Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni**:
   - Tajjeb li nieħdu sehem fil-quddiesa, li tkun fl-istess ħinijiet ta' matul il-ġimgħa.

3. Il-Ħadd 13/12: **it-Tielet Ħadd tal-Avvent**

4. Avviż mill-Kunsill Lokali:
   - Min għadu ma tlaqqamx kontra l-Influenza Staġjonali, jista' jagħmel dan billi jmur il-poliklinka ta' Ħal Kirkop kuljum bejn it-8:00am u 7:00pm.
   - Il-Ġimgħa 11/12 fis-6:00pm ser issir il-Laqgħa Pubblika Annwali tal-Lokalità fis-sala Pietru Pawl Busuttil fil-Kunsill Lokali Ħal Safi. Ir-residenti li isimhom jidher fl-aħħar ħarġa tar-reġistru elettorali mistiedna jattendu u jipparteċipaw. Minħabba restrizzjonijiet tal-Covid-19, kulmin jixtieq jattendi jrid jirreġistra minn qabel mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill permezz tal-email: safi.lc@gov.mt jew iċempel fuq 21689168.
   - Qed tkun organizzata kompetizzjoni tal-Milied għall-isbaħ faċċata/tieqa/gallerija mżejjna. Ser ikunu qed jingħataw premjijiet għall-ewwel 3 klassifikati. Applikazzjoni tinkiseb mill-Kunsill Lokali jew minn fuq il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill u jridu jaslu l-Uffiċċju tal-Kunsill sa nhar it-Tlieta 15/12.
   - Qed tkun organizzata kompetizzjoni tal-Milied għat-tfal. It-Tfal huma mistiedna li jmorru l-Librerija tal-Kunsill u jiġbru ornament li wara li jpenġuh u jiktbu messaġġ ta' kuraġġ u jirritornawh lura l-librerija fejn idendluh mas-siġra tal-Milied fil-librerija stess. L-isbaħ ornamenti se jkunu qed jingħataw *vouchers* li jissarrfu f'kotba.

5. Avviżi oħra:
   - Infakkar li matul dan ix-xahar għandna qfief fuq l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw bħala għajnuna lill-persuni fil-bżonn u istituti. Tajjeb li ma noqgħodux lura milli nuru ġenerożità mal-proxxmu tagħna f'dan iż-żminijiet diffiċli għal kulħadd.
   - Il-fatt li din is-sena numru tajjeb ta' skejjel maltin, fosthom dik primarja ta' Ħal safi qed jibdlu l-uniformijiet u jibdew jużaw disinn ġdid, wassal lill-organizzazzjoni maltija *'Kare for Kenya'*, li maż-żmien bniet numru ta' skejjel il-Kenya, biex titlob lil min għandu uniformijiet f'kundizzjoni tajba, u li m'għandux aktar bżonnhom, ħalli jgħaddihomlha u hekk ikuni jistgħu jintbagħtu fl-iskejjel tagħhom fil-Kenya. Għaldaqstant jekk hawn xi ġenituri li mħajjrin jagħmlu dan, għandhom jikkuntattjaw lill-Kappillan jew lis-Sinjura Abigail Zammit. L-uniformijiet jibqgħu jinġabru sal-Ġimgħa, 18/12/2020.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 115 bħala ġabra speċjali tal-Quddies tal-Ħadd b'risq l-Art Mqaddsa;
   - € 65 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points, illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.